

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/2244

tas-16 ta' Diċembru 2019

**li tawtorizza lil Spanja u lil Franza biex japplikaw miżura ta' deroga speċjali mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 395(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra rreġistrata fit-23 ta' Mejju 2019 u ta' ittra rreġistrata fis-17 ta' Ġunju 2019 mal-Kummissjoni, Franza u Spanja, rispettivament, talbu awtorizzazzjoni biex jintroduċu miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-bini ta' interkonnessioni tal-elettriku bejn Gatica fi Spanja u Cubnezais fi Franza ("il-miżura speċjali").
- (2) Permezz ta' ittri datati l-10 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni bagħtet lill-Istati Membri l-oħra, f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva 2006/112/KE, it-talbiet magħmula minn Spanja u Franza. Permezz tal-ittra datati l-11 ta' Settembru 2019, il-Kummissjoni innotifikat lil Spanja u lil Franza li kellha l-informazzjoni kollha li hi tikkunsidra meħtieġa biex tqis it-talbiet.
- (3) Ir-regolatur nazzjonali tas-suq tal-elettriku ta' Spanja "*Comisión Nacional de los Mercados y la Competencia*" u r-regolatur nazzjonali tas-suq tal-elettriku ta' Franza "*Commission de Régulation de l'Énergie*", iffirmaw ftehim fit-22 ta' Settembru 2017 biex jiffinanzjaw interkonnessioni tal-elettriku bejn Spanja u Franza li tgħaddi mill-Golf tal-Biskalja. Il-bini tal-interkonnessioni ġie fdat f'idejn l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku fi Spanja u Franza, *Red Eléctrica de España* u *Réseau de transport d'Electricité*. Dak il-ftehim jipprevedi li l-kostijiet tal-proġett jiġġarrbu f'partijiet indaqs: 50 % minn Spanja u 50 % minn Franza.
- (4) Permezz tal-miżura speċjali, l-interkonnessioni tal-elettriku bejn Gatica fi Spanja u Cubnezais fi Franza għandha tiġi kkunsidrata li tinsab 50 % fi Spanja u 50 % fi Franza għall-finijiet tal-provvisti ta' merkanzija u servizzi, tal-akkwisti intra-Komunitarji ta' merkanzija u tal-importazzjoni ta' merkanzija maħsuba għall-bini tagħha.
- (5) Mingħajr il-miżura speċjali, ikun meħtieġ li jiġi aċċertat għal kull provvista jekk il-post ta' tassazzjoni huwiex fi Spanja jew fi Franza skont il-prinċipju tat-territorjalità.
- (6) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta minn Spanja u minn Franza, il-miżura speċjali se tissimplifika l-proċedura għall-ġbir tal-VAT u l-ammont globali tad-dħul mit-taxxa ta' Spanja u Franza miġbur fl-istadju tal-konsum finali, se jiġi affettwat biss b'mod neglġibbli. Għalhekk jixraq li Spanja u Franza jiġu awtorizzati japplikaw il-miżura speċjali.
- (7) Id-deroga ma huwa ser ikollha l-ebda impatt fuq ir-riżorsi proprji tal-Unjoni li jirriżultaw mill-VAT,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE, Spanja u Franza huma awtorizzati li jqisu li l-interkonnessioni tal-elettriku bejn Gatica fi Spanja u Cubnezais fi Franza tinsab 50 % fit-territorju ta' Spanja u 50 % fit-territorju ta' Franza għall-finijiet tal-provvisti ta' merkanzija u servizzi, tal-akkwisti intra-Komunitarji u tal-importazzjonijiet ta' merkanzija maħsuba għall-bini tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja u lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
J. LEPPÄ

---